# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn wiehed u ghoxrin (21) taʼ Novembru 2016**

**Rikors Numru 332/14 FDP**

**AC Enterprises Limited**
**(C 49755)**

**vs**

**Victor Galea (ID 654057M) u Josephine Galea (ID 441365M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 6 ta' Ottubru 2014 fejn is-socjeta rikorrenti tlbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u sittin Euro u erbgha u disghin centezmu (€4,661.94) rappresentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta rikorrenti ghal 'stone blocks' mibjugha u kkonsenjati lilhom mill-istess socjeta rikorrenti fuq inkariku taghhom stess.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppresentata fis 6 ta' Novembru 2014 fejn, preliminarjament, sahqu illi l-intimati ma humiex il-legittimi kontradittturi stante illi l-kunsinna saret fuq struzzjonijiet u a beneficcju ta' VG Tiles Co Limited kif ukoll illi l-intimata Joseph Galea ma ghandha x'taqsam xejn mal-kawza stante illi hija mara tad-dar u ma ghandha x'taqsam xejn mad-decizjonijet kummercjali tar-ragel taghha. Fuq il-meritu, imbghad, l-intimati eccepew illi l-blokki ikkonsenjati lilhomma kienux tal-kwalita' pattwita u illi l-ammont mitlub huwa eccessiv stante illi r-rata miftiehma kienet ta' €100 kull metru kubu u mhux Lm100 kull metru kubu, kif qed tippretendei s-socjeta rikorrenti.

Rat illi fis-6 ta' Novembru 2014 l-intimat talbu il-kjamat il-kawza tas-socjeta VG Tiles Co Limited, liema talba, wara opposizzjoni tas-socjeta rikorrenti, giet michuda.

Semghet ix-xhieda ta' **Anton Camilleri** moghtija fid 19 ta' Jannar 2015 u fis 26 ta' Frar 2015 in ezami u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis 26 ta' Frar 2015 is-socjeta rikorrenti dikjarat il-provi taghha bhala maghluqa.

Semghet ix-xhieda ta' **Victor Galea** moghtija fl-14 ta' Dicembru 2015 in ezami u kontro ezami u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami, kif ukoll in kontro ezami, ta' Anton Camilleri moghtija fl-14 ta' Dicembru 2015.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami ta' Victor Galea moghtija fit 18 ta' Frar 2016 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tal-**Perit Norbert Gatt** moghtija fit 28 ta' April 2016 u rat id-dokumentazzjoni esebita mill-intimat waqt ix-xhieda tal-Perit Gatt.

Rat illi fis 16 ta' Gunju 2016 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Rat is-sottomissjonijet tas-socjeta rikorrenti ippresentati fit 28 ta' Settembru 2016.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimati ippresebtati fis 27 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fis 27 ta' Ottubru 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti, tramite d-direttur taghha, Anton Camilleri, kienet bieghet numru ta' blokki tal-gebel lill-intimat Victor Galea, illi kien mar gewwa l-barriera ta' Anton Camilleri fis-Siggiewi jistaqsieh ghal blokki tal-gebel tal-qawwi peress illi ma setghax jaghmel jgib blokki tal-gebel tal-qawwi mill-fond tieghu minhabba fix-xita.

Jirrizulta illi meta Victor Galea mar fil-barriera ta' Camilleri, huwa ntwera diversi blokok tal-gebel minn Camilleri u ghazel il-blokki li huwa ried, liema blokki gew debitament immarkati minn Camilleri sabiex jkun jista jehodhom lill Galea.

Jirrizulta illi sussegwentement, permezz ta' tlett konsenji differenti li saru fid-19 ta' Frar 2013, 21 ta' Frar 2013 u 27 ta' Frar 2013, dawn il-blokki gew kkonsenjati lill-intimat Victor Galea, illi ghalihom huwa ffirma, kif jidher fid-dokumenti ppresentati mis-socjeta rikorrenti a fol 3,4 u 5 tal-process, liema dokumenti lkoll juri illi l-materjal gie ordnat minn Victor Galea.

Jirrizulta illi fuq dawn it-tlett 'Delivery Notes', ghalkemm hemm indikazzjoni tad-daqs ta' kull wiehed mill-blokkok li gew mghoddija lill-intimat Victor Galea, ma hemm ebda indikazzjoni tal-prezz tal-materjal.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimati, hekk kif gew mitluba sabiex ihallsu ghall-materjal lilhom mghoddi mis-socjeta rikorrenti, beda joggezzjona ghall-hlas rikjest peress illi beda jinsisti illi r-rata miftiehma kienet ta' €100 kull metru kubu u mhux Lm100 ossija €232 kull metru kubu kif kien qieghda tippretendi s-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, ghalkemm ghandha dokumentazzjoni li turi x'materjal ghaddiet lill-intimat, ma ghandha ebda indikazzjoni skritta ta' x'kienet ir-rata illi biha kienu ftehmu. Madanakollu s-socjeta rikorrenti ippresentat dokument mahrug minn sid ta' barriera ohra, ossija

Salvu Mintoff and Sons Limited, fejn juri illi l-prezz ta' 'Hard Stone Blocks ex Works Quarry' huwa ta' €256.23 per metru kubu, eskluz il-VAT (fol 35).

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimat esebixxa invoice datata 15 ta' Dicembru 2015, mahrug mill-istess Salvu Mintoff and Sons Limited, fejn juri "supply of Hardstone Blocks at 42.37 per cubic metre".

Jirrizulta illi rappresentant ta' Salvu Mintoff and Sons Limited qatt am ttella quddiem il-Qorti sabiex jikkonferma ebda minn dawna d-dokumentazzjoni esebita.

Jirrizulta illi Anton Camilleri, rappresentant tas-socjeta rikorrenti, jikkontendi illi f'Malta hu biss jipprovdi il-gebel tal-qawwi, filwaqt illi f'Ghawdex hemm xewgt barrieri, fosthom Salvu Mintoff and Sons Limited.

Jirrizulta illi, ghalkemm hemm kunflitt car u manifest bejn ir-rata imsemmija mis-socjeta rikorrenti u dik imsemmija mill-intimat, hija ferm aktar verosimili li r-rata miftiehma kienet ta' €232 ghall-kull metru kubu, ossija Lm100.

Madankollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-Lira Maltija ilha li spiccat bhala munita Maltija ghal dawn l-ahhar tnax-il sena, u ghalhekk, filwaqt illi l-Qorti tifhem illi, ghal fini ta' praticita', persuni li trabbew jaghmlu referenza ghall-Lira Maltija isibuha difficili illi jibdew jirreferu ghall-Euro flokha, dana jista jwassal ghal-konfuzjoni f'certi istanzi, bhalma certament jidher illi gara fil-kaz odjern.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-intimat sahaq illi l-materjal lilu pprovdut ma kienx tal-kwalita' pattwita, u ghal dan il-ghan, huwa pproduca, bhala xhud, lill Perit Norbert Gatt, Direttur fid-Dipartiment tar-Restawr, sabiex jidher dwar il-kwalita' inferjuri tal-prodott illi kienet qieghda tipprovdi s-socjeta VG Tiles fl-installar ta' pavimentar gewwa l-Foss tal-Mdina, fejn l-istess socjeta VG Tiles kienet qieghda taghmel xogholijiet.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-istess Perit, illi x-xoghol ta' pavimentar kien attwalment inghata lill-intimat Victor Galea personalment u jirrizulta wkoll illi, fost ix-xoghlijiet ilil l-intimat kien qieghed jaghmel, kien hemm materjal illi, kif jistqarr l-istess Perit, kellu jigi skartat ghax vizibilment kien evidenti li ma kellux jintuza.

Jirrizulta, madanakollu, illi ma ngiebet ebda prova illi l-materjal illi allegatament l-intimat uza w li gie skartat mill-Perit fuq imsemmi kien attwalment il-materjal illi l-istess intimat kien xtara minnghand is-socjeta rikorrenti.

Jirrizulta wkoll illi l-intimat, qabel ma xtara il-blokki tal-gebel, kien inspejonahom u rahom, bir-rizultat illi huwa kien jaf ben tajjeb x'kien qieghed jixtri, u ghalkemm huwa jikkontendi illi l-gebla ma kienetx tal-kwalita' pattwita, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-intimat kellu kull opportunita' illi jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma xtara il-gebel illi eventwalment huwa uza, u ghalhekk kellu kull opportunita' illi jassikura ruhu li l-gebla kienet tajba ghal dak illi huwa ried. La darba huwa accetta l-gebel u ghamel uzu minnhom billi qattaghhom f'bicciet, huwa minnufih accetta l-gebla lilu moghtija fl-istat illi kienet.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, finalment, illi l-intimati jikkontendu li l-mara, ossija Josephine Galea, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi hija mara tad-dar u m'ghandha x'taqsam xejn mad-decizjonijet kummercjali tal-konvenut.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti tikkontendi li, a tenur tal-Artikolu 1316 tal-Kap 16, "Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti", u ghalhekk is-socjeta rikorrenti kellha kull dritt illi tmexxi fil-konfront ta' l-intimati.

Jirrizulta, madanakollu, illi a tenur tal-Artikolu 1324 tal-istess Kap 16,

> *"Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."*

Jirrizulta illi, kif qalet il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Carmel sive Charles Sciberras v Yossef u Romina Rhouri**' deciza fid-9 ta' Novembru 2005:

> *"Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn ma jistax jinghad li tezisti din is-solidarjeta` huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329 (1) tal-Kapitolu 16, u cjoe fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti ".*

Jirrizulta, ghalhekk, illi la darba l-ftehim sar ma' Victor Galea, u mhux ma VG Tiles Co Limited kif jallega l-istess intimat, l-effetti ta' dak il-ftehim jestendu wkoll ghal fuq il-mara tieghu, Josephine Galea, bir-rizultat illi d-difiza mqajjma mill-istess intimati ma tistax titqies favorevolment.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat il-provi kollha prodotti,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha taz-zewgt intimati,

**Tilqa** it-talbiet attrici, u ghalhekk.

**Tikkundanna** lill-intimat in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbat elef, sitt mija u wiehed u sittin Euro u erbgha u disghin centezmu (€4,661.94) rappresentanti bilanc dovut minnhom lis-socjeta rikorrenti ghal 'stone blocks' mibjugha u kkonsenjati lilhom mill-istess socjeta rikorrenti fuq inkariku taghhom stess.[1]

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

[1] B'digriet ta' l-24 ta' Novembru, 2016, il-Qorti ordnat li jizdiedu l-kliem "Imghax kif mitlub a karigu ta' l-intimati".